# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 7 ta' Mejju, 2001.**

**Numru 26**

**Citaz. Nru. 558/01GV**

**International Merchants Ltd**

**vs**

**Supermaster Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' tlett elef, disa' mija u hamsa u hamsin lira u sebgha u hamsin centezmu (Lm3,955.57), bilanc tal-prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament konsenjata lilha;

Premess illi nterpellata biex thallas is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;

Premess illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili stante li d-dejn fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tas-socjeta' attrici is-socjeta' konvenuta ma ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Tiddecidi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili; u

2. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett elef, disa’ mija u hamsa u hamsin lira u sebgha u hamsin centezmu (Lm3,953.57), bilanc tal-prezz ta’ merkanzija mibjugha u debitament konsenjata lilha, kif fuq inghad.

Bl-ispejjez, komprizi tal-mandat ta’ Qbid numru 848/01 u tal-mandat ta’ Sekwestru 943/01 ipprezentati kontestwalment u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta’ din ic-citazzjoni kontra s-socjeta’ konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta’ konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta’ Louis Cardona; Semghet l-avukat tas-socjeta’ attrici; Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata; Fil-kontumacja tas-socjeta’ konvenuta tiddecidi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**